# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR152888, Press Release Issue Date: Dec 19, 2015

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku li wara analiżi li saret, il-prodott imsemmi hawn taħt m'għandux jiġi kkonsmat minħabba l-possibilità ta' preżenza ta' salmonella enteritidis li mhix konformi mar-Regolament KE 2073/2005.

| | |
|---|---|
| Deskrizzjoni tal-Prodott: | Flett tas-sider tat-tiġieġ, klassi A |
| Ditta: | Green Valley |
| Deskrizzjoni tal-maħfen: | Tilari tal-ġablow isfar imgeżwer fil-plastik |
| Oriġini: | Polonja |
| Numru tal-Lott: | 534301 (52) |
| Iffriżati: | 19/08/2015 |
| Data tad-Durabbilita` minima: | Frar 2017 |

Il-kumpanija involuta ġiet obbligata tirtira l-prodott mis-suq, iżda peress li probabbilment il-prodott laħaq wasal għand il-konsumatur, bħalma jsir f'dawn il-każijiet, id-direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku. Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment l-uffiċċju tal-istess direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.